MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru. 9/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**Vs**

**MICHAEL ZAMMIT**
**ANTHONY ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **MICHAEL ZAMMIT** ta' sebgha w hamsin sena bin Salvu u Jane nee Apap, imwieled x-Xaghra, Ghawdex nhar d-dsatax ta’ Settembru 1951 u residenti ‘MichMary’, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 64051G u **ANTHONY ZAMMIT** ta’ wiehed u hamsin sena bin Salvu u Jane nee Apap, imwieled x-Xaghra, Ghawdex nhar t-tlettax ta’ Frar 1957 u residenti 6, Triq l-Ġolf, Xaghra, Ghawdex, detentur

tal-karta tal-identita numru 8757G gew imressqa quddiemha akkuzati talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2006, fl-Imgarr, Ghawdex, fil-kapacita taghhom ta' diretturi fil-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited:

1. Approprjaw ruhhom billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra minn *petrol*, pitrolju u/jew sustanzi ohra li gew fdati jew kkunsinnati lilhom taħt titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju.

2. Talli fl-istess cirkostanzi, qassmu pitrolju ghal uzu iehor ghajr dak t'uzu domestiku jew ghal skop iehor awtorizzat;
3. Talli fl-istess cirkostanzi, halltu pitrolju ma sustanza ohra, jew halltu sustanza ohra mal-pitrolju jew kellhom fil-pussess taghhom, jew taħt l-kontroll taghhom, xi pitrolju jew sustanza ohra hekk imhallta;

4. Talli fl-istess cirkostanzi, bieghu jew offrew ghal bejgh jew xort'ohra qeghdu fis-suq, *petrol* li ma kienx konformi mal-ispecifikazzjonijiet ambjentali stabbiliti skond l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2007 (fol 81) sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-komptenza taghha fuq riferuta.
Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-esami li sar nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2006 ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali u kif jirrizulta a fol 64 et seq tal-atti kif wkoll mill-verbal tas-seduta tat-tnejn t'April 2008 (fol 102).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat Michael Zammit jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lil provi tad-difiza.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006, xehed l-allura **Spettur Joseph Cordina** (fol 13) fejn qal li fi Frar ta' dik is-sena kellhom rapport mill-Korporazzjoni Enemalta dwar diversi spezzjonijiet li kienu saru f'diversi pompi tal-*petrol* f'Ghawdex fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2006 mill-Inginier Philip Borg w is-Senior Technician Ignatius Vella. Spjega li minn pompa fl-Imgarr li tappartjeni lil Michael Zammit u Anthony Zammit, ingabru xi kampjuni ghal analizi fejn irrizulta li kienu mbaghbsin w imhallta bi *fuel* imhallat bil-pitrolju.

Qal li l-imsemmija Inginier Philip Borg w is-Senior Technician Ignatius Vella kienu qalulu li kienu hadu zewg kampjuni minn kull *fuel* minn kull pompa tas-Service Station tal-imputati, kampjun minnhom hallewh issigillat ghand sid il-pompa u l-iehor haduh ghal analizi.

Ix-xhud kompla jghid li hu kien kellem liz-zewg sidien tal-pompa tal-*petrol* imsemmija, u cioe lil imputati odjerni u cioe fis-sittax ta' Marzu 2006 kellem lil Michael Zammit u wara li tah s-solita twissija, dan ikkonferma li hu wiehed mid-diretturi ta' Salvu Zammit & Sons Limited li tmexxi l-imsemmija pompa tal-*petrol*. Michael Zammit kien ikkonferma mieghu li huma jgibu l-*fuel* huma stess bit-trukkijiet taghhom minghand l-Korporazzjoni EneMalta, jitfugh fil-pompa taghhom w anke jqassmu lil pompi ohra. Qal li meta staqsih dwar t-tahlit, l-imputat Michael Zammit ma kienx f'posizzjoni li jaghtih spjegazzjoni u kien innega li kien baghbas fil-*fuel* u ex admissis qallu "Ma nistax nispjega kif, jekk hemm xi tahlit, kif dan sar."

Ix-xhud kompla jghid li nhar s-sbatax ta' Marzu 2006, kellem lil imputat Anthony Zammit li wkoll ikkonferma li hu direttur flimkien ma ħuħ Michael fil-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited. Ikkonfermalu li jgibu l-*fuel* minn Malta u jqassmuh anke Ghawdex. Ikkonfermalu wkoll li fl-

erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2006, kien prezenti meta membri tal-Korporazzjoni EneMalta marru u hadu diversi kampjuni mill-pompa tal-*petrol* taghhom. Qallu wkoll li s-*sample* hu kien zammu u kien lest li jaghmlu ghad-disposizzjoni tal-Qorti, jekk ikun l-kaz, sabiex isiru aktar ezamijiet fuqu.

Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputat Anthony Zammit prezenti fl-awla li giet immarkata bhala Dok. JC u zied jghid li jikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat Anthony Zammit kif wkoll ta' WPC 249 Maruska Debattista fuqha. Esibixxa wkoll bhala Dok. JC 2, l-istqarrija tal-imputat Michael Zammit presenti fl-awla, w ikkonferma l-firma ta' PS 130 Ivan Cilia, dik ta' PC 1235 Warren Magri u tal-istess Michael Zammit fuqha li ghazel li jiffirmha. Zied jghid li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-imputat gie moghti s-solita twissija. Esibixxa wkoll bhala Dok. JC 3, licenzja tal-pompa tal-*petrol* f'isem Michael u Anthony Zammit kif wkoll l-*covering letter* mill-Inginier Godwin Sant biex jikkonferma li dawn il-persuni ghandhom l-licenzja ghal din il-pompa tal-*petrol* mahruga mill-Malta Resources Authority. Ikkonkluda billi qal li l-kampjun tal-*fuel* li ttiehed minghand l-imputati, ma giex ezaminat fil-presenza tal-imputati.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006, xehed **PS 130 Ivan Cilia** (fol 18) fejn qal li nhar sbatax ta' Marzu 2006 ghal habta ta' nofsinhar hu kien ha l-istqarrija tal-imputat Michael Zammit prezenti fl-awla wara li kien tah s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik ta' PC 1235 Warren Magri kif wkoll ta' PS 130 Ivan Cilia, liema stqarrija hija ffirmata mill-istess imputat Michael Zammit fuq id-Dok. JC 2 (fol 16 et seq).

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006, xehed **Philip Borg** (fol 19) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Inginier mal-Korporazzjoni EneMalta mhux bhala professjoni, izda bhala Assistant Manager. Ikkonferma li ghal bidu tas-sena 2006, kien ircieva telefonata minghand xi residenti f'Ghawdex, li kienu lmentaw fuq il-kwalita tal-*petrol* li l-Korporazzjoni tqassam u kien ghalhekk li hu ddecida li jaghmel spezzjoni fuq xi pompi tal-*petrol* li jbieghu l-*fuel*

f'Ghawdex u dan billi jigbor kampjun minn kull pompa u ssir analizi fuqhom fil-Laboratorju. Qal li hu kien mar flimkien mas-Senior Fitter Ignatius Vella nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2006, u daru diversi pompi tal-*petrol* fosthom dik tal-imputati Zammit Service Station. Spjega li hemm sab lil imputat Anthony Zammit, li gharaf presenti fl-awla, u talbu kampjun tal-*petrol* li kien qed ibiegh.

Qal li maghhom kellhom bottijiet vojta li kienu godda u li qatt ma kienu gew uzati qabel, u li jaghlqu permezz ta' kamin u jigu sigillati wara li jintuzaw u jigu numerati, li jfisser li ma jistax jinqata s-sigill u jitpogga iehor floku ghaliex wiehed jinduna b'dan, u hadu kampjun ta' kull tank li jimla l-pompi. Spjega li hadu zewg bottijiet minn kull *tank*, issigillawhom fil-presenza ta' sid il-pompa, irregistraw s-*seal number* tal-kampjuni li hadu minn kull *individual service station* u talbu wkoll lil sid l-pompa li jkun prezenti, sabiex jiffirma ghan-numru ta' sigilli li jkun kiteb.

Ix-xhud esibixxa *record* ta' dak l-ezami li kien ghamel dakinhar, inkluz dak ta' Anthony Zammit fuq karta li giet esibita bhala Dok. 'Z'. Ix-xhud qal li tidher il-firma ta' Anthony Zammit ghas-sigill li huma hadu fuqha. Qal li huma hadu kampjun tal-LRP *fuel* u *unleaded* u zewg flixken minn kull kampjun, u b'hekk hadu erbgha flixken, tnejn minnhom wiehed tal-*unleaded* u l-iehor tal-LRP haduh maghhom, filwaqt li t-tnejn l-ohra, wkoll LRP u *unleaded*, baqghu fil-pussess tal-imputat. Spjega li s-*seal number* tal-kampjuni li baqghu f'idejn l-imputat huwa dak tal-LRP 127738 filwaqt tal-*unleaded* huwa 127764. Ix-xhud qal li sussegwentement marru Malta bil-kampjuni u Ignatius Vella baqa sejjer l-Laboratorju bil-kampjuni migbura.

Zied jghid li sussegwentement kienu rcievew rapport w anke kien kellmu David Gauci bhala Chief Chemist u talbu biex jiccekkja l-*gum content* fil-*petrol* li jindika jekk il-*petrol* ikunx imhallat b'xi *diesel* jew b'xi kimika ohra u dan ghaliex l-*gum content* jinbidel.

Spjega li fil-kaz ta' l-imputati, dan kien *above* dak li hu permess mill-i*specification* li kien indikattiv li l-*fuel* ma kienx pur w ghalhekk kien hemm l-bzonn li jsir ezercizzju biex jigi stabbilit jekk kienx hemm ftit tahlit ta' *diesel* biex jittella l-*gum content* fil-*petrol* jew kienetx xi haga totalment indipendenti w intenzjonata. Qal li l-Korporazzjoni EneMalta, kull darba li tircievi konsenja ta' *fuel* minn barra, jkollha certifikat ta' dak l-*fuel* minn raffinerija minn fejn ikun sar, pero hu ma kienx joqghod fuq dak u kien jinkariga lil haddiehor sabiex jittiehdu kampjun ta' dak l-*fuel* qabel ma jinħatt minn fuq il-vapur sabiex issir analizi fuhom u b'hekk jkollu rizultat kemm tar-raffinerija kif wkoll ta' dak li jkun wasal Malta u b'hekk jkollu konferma ta' dak li jkun mibghat Malta mis-*supplier*.

Qal li f'dan il-kaz, hu ghamel analizi tal-*fuel* li kien gie Malta fuq perjodu ta' xahrejn qabel w ikkonferma li l-analizi li taha tal-*fuel* li gew miz-zewg vapuri huma kwazi identici. Qal li l-*gums* taghhom kien ta' *point five milligrams per litre*, li jfisser li dak l-*gum content* li nstab fil-kampjun mehud minghand l-imputati kellu *two point five* (2.5) fl-LRP u *six point five* (6.5) fil-kampjun tal-*unleaded*. Zied jghid li l-i*specification number* 228 li huwa skond l-European Bord, jispecifika li l-*gum* ma jistax jeccedi *five (5) milligrams per litre*. Ix-xhud esibixxa l-i*specification generali* tat-228 bhala Dok. 'Y', l-erbgha rizultati, tnejn tal-LRP u tnejn tal-*unleaded*, bhala Dok. S 1, S 2, S 3, u S 4. Ix-xhud qal li l-ewwel wiehed jikkoncerna t-*test* tal-*gums* w it-tieni huwa rizultat tad-*distillation* meta ghamlu ezami aktar dettaljat. Qal li l-Korporazzjoni EneMalta ghandha kuntatt mas-Saybolt Laboratory biex janalizzaw il-*fuels* taghhom.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006, xehed **Ignatius Vella** (fol 28) fejn qal li jahdem bhala *technician* mal-Korporazzjoni EneMalta. Ikkonferma li kien mal-Inginier Philip Borg waqt li kien qed jiehu kampjuni waqt spezzjoni li saret f'Ghawdex ghal pitrolju minn diversi pompi tal-*petrol*. Ikkonferma li kienu marru wkoll fil-pompa tal-*petrol* tal-imputati li gharaf presenti fl-awla. Qal li David Gauci kien qabbdu jiehu kampjuni kemm tal-LRP kif wkoll tal-*unleaded* u kien mela' erbgha flixken b'zewg kampjuni.

Ikkonferma li wiehed minn dawn il-kampjuni nghata lis-sid tal-pompa u l-iehor gie mizmum minnhom. Qal li dawn l-erbgha kampjuni kienu gew sigillati fil-presenza tal-imputat Anthony Zammit, anke dawk t-tnejn li hu ha sabiex isir analizi fuqhom.

Qal li hu, wara kien mar Malta fil-Laboratorju bihom sabiex jaghmel l-ezamijiet relattivi fuqhom. Qal li fi triqtu Malta, kien waqaf l-Korporazzjoni EneMalta biex jigbor xi dokumentazzjoni u wara mar l-Laboratorju.

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006, xehed **David Gauci** (fol 29) fejn qal li hu jahdem bhala *laboratory manager* f’Laboratorju. Spjega li din hi kumpanija Amerikana w huma jezaminaw *petroleum products* fosthom *petrol*, diesel tal-karozzi, tal-ajruplani w affarijiet simili. Qal li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2006, h kien gie mitlub jaghmel analizi ta’ *specimens* li gew mghoddija lilu mill-Korporazzjoni EneMalta, rigward *unleaded* u LRP *fuel*. Qal li l-kampjuni li gew mghoddija lilu, allegatament kienu mehuda mill-pompa tal-*petrol* tal-imputati, u dawn kellhom n-numru tas-sigill fuq ic-certifikat. Ix-xhud esibixxa d-Dok. Z 1, f’dan r-rigward. Qal li sar t-*test* fuqhom sabiex jaraw l-presenza tal-*gum* fil-*fuel* li huwa ndikattiv jekk hemmx *contamination* minn *fuel* iehor w ir-rizultat kien wiehed ghola minn dak suppost u dan ghaliex anke sar *test* iehor maghruf bhala *distillation* fuqhom. Qal li l-*final point* tad-*distillation*, tal-*boiling point*, kien gholi hafna minn normal u gie li gie jimmarka *out of specification*.

Il-Qorti rat wkoll li b’digriet ta’ nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 (fol. 2) ordnat li l-kampjun tal-*fuel* mehud mir-rapprezentant tal-EneMalta fil-presenza tal-imputati w issiggillat fil-presenza tal-istess imputati, jigi esibit fl-atti u dan wara li l-istess imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal dan.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2007, xehed l-**Professur Alfred Vella** (fol 85) fejn qal li b’digriet tal-Qorti tat-tlieta w ghoxrin ta’ Novembru 2006, hu kien gie nominat sabiex jezamina l-kampjuni esibiti fl-atti nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 (fol. 3) u esibixxa r-relazzjoni tieghu

bhala Dok. AV (fol 86 et seq).  Spjega li mill-ezami li hu ghamel fuq il-kampjuni rrizulta li wiehed mill-*fuel*s u cioe dak immarkat bhala Dok. F, hu l-aktar li kien adulterat b'ammont ta' *gas oil* jew *diesel fuel* f'ammonti ta' mhux aktar minn hamsa fil-mija (5%) filwaqt li l-iehor, u cioe dak immarkat Dok. G, ma kienx jidher li gie adulterat.  Qal li ma kienx f'posizzjoni jghid bl-ezatt l-persentagg t'adulterazzjoni, pero jkun hemm adulterazzjoni f'certezza. Qal wkoll li ma setghax jghid x'kien l-kagun ta' din l-adulterazzjoni.

Illi nhar t-tnejn t'April 2008, xehed **l-imputat Michael Zammit** minn jeddu b 'mod voluntarju (fol 103) fejn qal li jiftakar li xi zmien ilu kienu baghtu ghalih il-pulizija wara li kienu marru xi ufficcjali tal-Korporazzjoni EneMalta u hadu xi kampjuni tal-*petrol unleaded* minghandu u li dwarhom irrizulta li kien hemm xi rregolarita.  Qal li meta ttiehdu l-imsemmija kampjuni pero, hu ma kienx presenti u li ma kien taha ebda kunsens ghal tali teħid.  Zied jghid li pero kien hemm ħuħ Anthony Zammit dakinhar.  Qal li l-puliizja kienu qalulu li dak l-*fuel* kien kontaminat.  Ix-xhud qal li hu jahfel li kif gie moghti lilhom dak l-*fuel,* huma ghaddewh lil terzi.

Qal li effettivament l-EneMalta jaghtuhom *fuel* bl-ilma.  Qal li darba minnhom kienu qed jghabbu l-vapur taghhom bil-*fuel* u minflok effettivament l-Korporazzjoni EneMalta, kienet taghtihom l-*fuel*, tawhom l-ilma u sussegwentement kienu pprotestaw ghal dan, pero dik il-konsenja, l-Korporazzjoni EneMalta ma kienux haduha lura u twikkew biha huma u kellhom jarmu kollox.  Qal li sussegwentement kienu cemplu lil Head of Petroleum tal-Korporazzjoni EneMalta u kienu accettaw li dik l-konsenja kienet hazina a bazi ta' *survey* li kienu ghamlu huma stess.  Qal li dwar dan kellu rapport li kellu jesibixxi seduta ohra.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008, **rega' xehed l-imputat Michael Zammit** (fol 110) fejn qal li recentement, xi tlett gimghat qabel, rega' kellhom kontaminazzjoni ta' ilma u *sludge* fil-*petrol*.  Qal li ghalhekk, bhas-soltu, huma kienu baghtu t-*truck* taghhom l-Korporazzjoni EneMalta biex

jghabbu l-*petrol* w ghalkemm normalment jghabbu minn B'Bugia, dakinhar ghabbew mill-Gudja u dakinhar l-lavrant taghhom kien induna li meta l-*petrol* kien qed jghabba, kien hemm kontaminazzjoni. Qal li 'n segwitu tkellmu tal-ufficcjali tal-Korporazzjoni EneMalta u dawn kienu baghtu *inspectors* sabiex jaraw x'kien gara. Qal li t-*truck* kien ghadu l-Gudja, fl-istallazzjoni tal-Korporazzjoni EneMalta u meta marru l-*inspectors*, sabu li kien hemm kontaminazzjoni tal-ilma u *sludge* jigifieri *bacteria*. Qal li l-ilma jintghazel pero l-*bacteria* tithallat mal-prodott kollu. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, kienu tbattlu tlett mitt litru minn got-*truck* u dan l-*bowser* huwa tat-tletin elf litru. Qal li b'dan pero huma ma kienux kuntenti u kienu ftehmu mas-Sur Borg tal-Korporazzjoni EneMalta, ghabbewh fuq vapur *bowser* u haduh Ghawdex.

Qal li l-Korporazzjoni EneMalta kienu baghtu zewg *inspectors* u cioe spettur u *helper* sabiex jerġghu jezaminawh u huma kienu sabu l-ilma u l-*bacteria*, pero tal-Korporazzjoni EneMalta xorta kienu qalulhom li l-prodott kien tajjeb, u ġieghluhom jbiegħhuh avolja kien imhallat bil-*bacteria*. Qal li l-prezz tal-*petrol* u tad-*diesel* huwa kwazi l-istess w ghalhekk m'ghandux interess ihallat l-prodott bid-*diesel* ghax d-differenza hija ta' *one cent* ghal kull gallun.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008, id-difiza ressqet lil **Gaetano sive Tony Callus jixhed** (fol 112) fejn qal li hu ufficjal mal-Korporazzjoni EneMalta. Dwar l-incident tal-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2006, x-xhud qal li dakinhar l-imputati kienu baghtu ghal xi *fuel*, l-impjegati taghhom bi zball nizzlu *swing arm*, li hu *pipe* fit-*tank* taghhom, meta huma kienu qed jiehdu d-*diesel*. Qal li meta tnizzel dan il-*pipe* f'certu livell, t-*tank* ikollu *sump* go fih li jesagha tletin elf litru u dan is-*sump* ikun hemmhekk sabiex jekk jinzel xi ilma mis-saqaf tat-*tank*, l-ilma, peress li huwa itqal mid-*diesel*, jibqa niezel fis-*sump* li ghandu *drain* isfel u johrog l-ilma. Qal li l-ilma jkun *free water* u jkun ilma tajjeb, ghalhekk l-ilma qatt ma jkun kontaminat, jaqta minn mad-*diesel*. Qal li f'dan il-kaz, s-*swing arm* flok ma qabdet d-*diesel*, qabdet l-ilma. Qal li meta kien qed jitghabba d-*diesel*, effettivament kien qed jitghabba l-ilma u lahaq ha

xi sbatax il-elf litru ta’ ilma. Qal li wara kienu ccekkjaw t-tankijiet taghhom u sabu li kellu xi sittax il-elf u disgha mitt litru u kienu nizzlu fil-fatt li kien ha xi circa dsatax il-elf litru ta’ ilma.
Mistoqsi jekk vizwalment wiehed jarax sa fejn nizlet s-*swing arm*, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li pero hu ma kienx hiereg u diehel biex jara x’kien qed jigri, ghaliex kellu ragel iehor tal-Korporazzjoni mieghu u li dan ikun jaf fejn marret s-*swing arm*. Spjega li t-tankijiet jinstabu taħt l-art u jinzel l-ilma tax-xita fuqhom u li dawn ikollhom saqaf tal-gebel u ghalhekk hu jibghat lin-nies tieghu sabiex jaraw l-livell tal-ilma li jkun hemm fis-*sump* mhux fit-*tank*. Qal li l-kwistjoni tal-ilma tigi kontrollata mill-Korporazzjoni EneMalta u mhux minn dak li jkollu l-*barge*. Qal li b’daqshekk, u cioe jekk ikun hemm l-ilma mad-*diesel*, l-prodott ma jkunx ikkontaminat ghax il-kelma kkontaminat tfisser li hemm *bacteria,* l-prodott ma jibqax pur ghaliex ikollu l-ilma izda ma jsirx kontaminat bl-ilma biss. Qal li d-*diesel* u l-*petrol* jinhaznu seperatament w anke l-pitrolju u b’hekk, meta *bowser* ikun qed jitghabba bil-*petrol* ma jistax ikun li jkun hemm t-tahlita tad-*diesel* jew pitolju ghax huma pajpjiet differenti u mizuma go tankijiet differenti.

Illi nhar l-ewwel t’Awwissu 2008, xehed **Aaron Seguna** (fol 114) fejn qal li hu mpjegat ma Saybolt Malta Limited li hu laboratorju u dan jifforma parti minn kumpanija internazzjonali Saybolt International. Qal li huma kienu gew mqabbda mill-impuati biex jimmoniterjaw l-kwantita tad-*diesel* li kien ser jigi mghobbi mit-*terminal* ta’ Ras Ħanzir tal-Korporazzjoni EneMalta fuq il-*barge* tal-imputati maghruf bhala San Bert. Qal li nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2006 ghabbew ammont ta’ *diesel*. Qal li jiftakar li nstab abbord il-*barge* sittax punt disgha metru kubu ta’ ilma u dan gie kwantifikat u l-karti gew maghluqa u l-imputati gew kumpensati. Spjega li ilma mhallat mad-*diesel* jista jkollu *bacteria* fih u jrid isir *testing*. Qal li jekk ikun hemm ilma fil-qiegh tad-*diesel* u jkun hemm *growth* bejn l-*interface* tal-ilma w id-*diesel*, dan il-*growth* jifforma ruhu f’*sediment* u jekk ma tiehux hsieb dawn is-sedimenti, jimblukkwaw l-*filters* u l-*equipment* u l-prodott innifsu ma jkunx pur. Qal li jkollok tnehhi ftit min dak d-*diesel* li jkun

hemm *interface* mal-ilma biex ikollok d-*diesel* tajjeb u li wara trid taghmel *further testing*. Qal li fid-*diesel* iktar hemm possibilita ta' *growth*, pero fil-*petrol* din il-possibilita hija inqas.

Ix-xhud spjega li hu ilu tnax il-sena jahdem ma Saybolt f'dan ix-xoghol u kemm ilu jahdem mal-imputati, dan kien l-uniku kaz li jiftakar li kien hemm dan l-ammont sostanzjali ta' ilma minghand l-Korporazzjoni EneMalta. Mistoqsi xi tfisser il-kelma 'sludge' ghalihom, ix-xhud wiegeb li dan ikun *sediment* mizmum fi *storage tank* u li jista jkollok *storage tank* fejn ikun hemm hafna moviment ta' dhul u hrug ta' zjut jew trabijiet, sadid, *sediment* tal-istess prodott. Qal li wara certu ammont ta' snin dawn jiddikantjaw, jispiccaw fil-qiegh tat-*tank* u jkollok certu ammont ta' *sediment* li jissejhu *sludges*. Qal li naturalment biex tkun taf jekk hemmx *bacteria* jew le gos-*sample*, trid taghmel l-*culture* tieghu li jiehu z-zmien tieghu u barra *bacteria* jista jkun hemm *sludges* ohra li jigu krejati mis-*sediment*.

Mistoqsi jekk *petrol attendant* jew sid ta' pompa tal-*petrol* ikunx jaf jekk ghandux dan s-*sludge* fil-prodott tieghu, huwa rari pero huwa possibbli li jkun jaf fis-sens li jkun hemm ammont sotanzjali u jrid ikun jaf bih u jaghmel c-*checking* ghalih. Spjega li pero suppost hemm element ta' *filtration* mis-*source* tal-Korporazzjoni EneMalta.

Mistoqsi jekk *bowser* jista jintuza l-ewwel ghal *petrol* u wara ghad-*diesel*, ix-xhud wiegeb li jista pero dejjem irid jinhasel u dan sabiex ma jkunx hemm kontaminazzjoni. Jekk l-istess *bowser*, zied jghid x-xhud, jintuza ghal *petrol* u d-*diesel* jista jkun li jkun hemm kontaminazzjoni jekk ma jkunx mahsul sew. Qal li din mhix kwistjoni ta' *bacteria*. Qal li hemm diversi testijiet li jistghu jsiru biex wiehed jara x'tip ta' kontaminazzjoni ghandu. Qal li naturalment, meta huma jaghmlu t-testijiet taghhom, jindikaw x'tip ta' kontaminazzjoni hemm, jekk hemmx *diesel* ma *petrol* jew ilma ma *petrol* jew ilma ma *diesel*, skond l-informazzjoni li tigi moghtija lilhom, jghamlu t-*test ad hoc*.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008, xehed **Joseph Camilleri** (fol 116) fejn qal li jahdem mal-Korporazzjoni EneMalta u ftakar li nhar l-erbgha ta' Lulju 2008, kien iccekkja l-*bowser* TZ 7 li jappartjeni lil Michael Zammit u sab li kien hemm ilma fil-*compartments* kollha li kien imhallat mal-*unleaded*. Qal li dakinhar sab anke xi *bacteria* mal-*unleaded* hierga minn kull kompartiment. Spjega li l-*bacteria* tkun qisha *jelly*. Kompla jghid li dan l-*bowser* kien tghabba mill-Gudja. Qal li generalment l-*bowsers* imorru vojta biex jimtlew u jitghabbew fuq mizien biex b'hekk ikunu jafu jew humiex vojta jew le. Qal li f'dan il-kaz, il-kontaminazzjoni kienet fid-depot taghhom tal-Gudja. Qal li jista jkun li jkun hemm *bowser* li l-ewwel jitghabba bid-*diesel* u xi granet ohra jitghabba bil-*petrol*. Qal li fil-fatt, il-*bowsers* taghhom hekk jaghmlu, gieli bid-*diesel* u gieli bil-*petrol*. Qal li gieli jista jkun li tibqa xi taqtira u li l-*bowsers* taghhom ma jahsluhomx minn gewwa, jinhaslu minn barra biss. Qal li jista jkun li jibqa xi litru mid-*diesel* imbaghad sussegwentment jitghabba bl-*unleaded*, pero ma jigri xejn ghax din in-naqra ma teffettwax.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008, xehed **Emanuel Mizzi** (fol 117) fejn qal li hu jahdem bhal *principal shipping clerk* fil-*unit* tal-Korporazzjoni EneMalta. Qal li hu kien involut fil-kontaminazzjoni li l-imputati kellhom f'Lulju 2008, *diesel* bl-ilma. Qal li huma ghandhom stallazzjoni l-Gudja minn fejn jitghabba l-*petrol* u dan qieghed hemm sabiex meta jkun hemm vapur li qed jigi *delayed*, huma jkollhom s-*supply*. Qal li *bowsers* kbar bhal dak tal-imputati jaghtuhom l-Gudja sabiex jillimitaw l-*issue* ta' B'Bugia. Qal li jiftakar li kienu rcievew telefonata mill-operatur ta' B'Buga sabiex jiccekkjaw l-prodott ghal ilma ghal li jista jkun u hekk kif imlew l-*bowser* tal-imputati, mid-*dip stick*, irrizulta li kien hemm l-ilma. Qal li kien hemm *bowsers* ohra qabel dak tal-imputati li dakinhar hargu bl-ilma. Qal li l-*bowser* tal-imputati Zammit gie ccekkjat *at random*. Qal li sussegwentement l-*bowser* tal-imputat gie *drained* u sa fejn jaf hu, dan il-*bowser* hareg minn hemmhekk bla ilma. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *bacteria* dakinhar, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex m'involvix ruhu fiha peress li

xoghlu kien il-Gudja biss. Qal li kien tnehhilu l-ilma iccekkjawh u wara gie *released*.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi fl-ewwel lok, l-prosekuzzjoni akkuzat lil imputati bir-reat ta’ misapproprjazzjoni kif dispost fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Kif spjega **Luigi Maino *(Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922) – Vol. IV. Para. 1951, pg. 105)***:

*“A costruire il delitto di appropriazione indebita e’ necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta’, a scopo d’indebito profitto per se’ o per un terzo, il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ della conversione con scienza della sua illegittima’, e dal fino di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera’ in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e’ (come nel furto e nella truffa) l’animo di lucru, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell’inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratrica giudiziale, che diedero spesse volte l’esempio di contestaazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mencanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l’operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche’ non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l’incaricato di esigere l’importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i*

*titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale, la giurispredenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole."*

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo) vs John Bamber** deciza nhar t-tmienja ta' Gunju 2001 fejn saret referenza ghal dak li jghid **Vincenzo Manzini** fil-ktieb tieghu ***Tratto di Diritto Penale Italiano*** –quinta edizione, Vol. IX, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra l-partimonju. Skond il-**Manzini**, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci testwalment x'jghid dan l-awtur:

*"Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere alter cose, per conto del mandante, che faccia suo quell che ricevette. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, il modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."*

Barra minn hekk, ta' min jikkwota wkoll dak li jghid **Luigi Maino *(Commento al Codice Penale Italiano, UTET (Milano) (1922) – Vol. IV. Pagna 104)***

*"La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa."*

Issa fil-kaz in ezami, ma jirrizulta li sar xejn minn dan.

Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputati hadu l-konsenja ta' *fuel* minghand l-Korporazzjoni EneMalta u dan *sic et simplicite*. Dwar il-qsim ta' dan il-*fuel*, ma jinghad xejn u l-element ta' dan r-reat ma jirrizultax mill-atti.

Il-Qorti ma tistax ghalhekk tifhem ‘l ghala nghatat din l-akkuza. Ma jirrizulta minn imkien li l-imputati kienu gew fdati b’xi oggett ghal xi skop partikolari u qabdu u biddlu d-destinazzjoni tieghu ghal vantagg taghhom. Ma jirrizultax li huma kellhom obbligu ta’ radd lura meta l-imputati xtraw il-*fuel*.

Din l-akkuza, fil-fehma tal-Qorti ma ssib ebda soljev fid-dawl ta’ provi prodotti.

Fit-tieni lok, l-imputati gew akkuzati talli qassmu pitrolju ghal uzu iehor ghajr dak ta’ uzu domestiku jew ghal skop iehor awtorizzat.

Illi waqt is-smiegh tal-provi, m’intqal xejn dwar t-tqassim tal-pitrolju tal-imputati; intqal biss dwar t-tip ta’ pitrolju li kellhom fil-pussess taghhom u kif ottjenew tali pitrolju w ghalhekk, din l-akkuza wkoll ma tirrizultax ippruvata.

Fit-tielet lok, l-imputati gew akkuzati talli halltu pitrolju ma sustanza ohra, jew kellhom fil-pussess taghhom jew taħt il-kontroll taghhom, xi pitrolju jew sustanza ohra mhallta.

Illi bla dubbju ta’ xejn, mill-provi prodotti u cioe mir-rapport tal-Professur Alfred Vella jirrizulta li minn ezami li ghamel fuq il-kampjuni ta’ *fuel* irtirati mill-Qorti, hemm evidenza t’adulterazzjoni bi *fuel* iehor cioe *gas oil*, u tali adulterazzjoni mhux permess mill-ligi.

Illi l-ligi ma tesigix li l-imputat irid ikun xjenti ta’ dan l-pussess illegali, izda il-pussess semplici u cioe t’adulterazzjoni jiddeskrivi r-reat in dezamina ghalhekk fid-dawl ta’ dak li kkonkluda l-Professur Alfed Vella, din t-tielet akkuza tirrizulta.

Dwar r-raba u l-ahhar akkuza, u cioe li qeghdu fis-suq w offrew ghal bejgh, *petrol* li ma kienx konformi mal-ispecifikazzjonijiet ambjentali stabbiliti skond l-ligi, il-Qorti thoss li din tirrizulta wkoll stante li l-*fuel* li huma kellhom ghal bejgh kien adulterat.

L-imputati ttentaw jippruvaw li gieli kien hemm okkazzjoni meta huma xtraw il-*fuel* adulterat minghand l-Korporazzjoni EneMalta.

Ma hemmx dubbju li dan huwa minnu, pero dan ma jezonarax lil imputati mir-responsabbilita taghhom f'dan il-kaz.

Dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati esibita a fol 8 et seq tal-atti processwali minn fejn jirrizulta li fuq l-fedina penali tal-imputat Anthony Zammit ghandu registrati erbgha *convictions,* tlieta minnhom dwar l-Ordinanza tat-Traffiku u ohra dwar serq ta' kurrent elettriku, fejn inghata canfiri, multa u sentenza sospiza u dan mis-sena 1978 sas-sena 1995, filwaqt li l-imputat Michael Zammit, mis-sena 1977 sas-sena 2005 ghandu tmien *convictions* dwar serq ta' kurrent elettriku w ohrajn ta' portata zghira, fejn inghata canfiri, multa, amenda u sentenzi sospizi.

**Ghalhekk il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 293, 294 u 533, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 3, 4 u 9 tal-Avviz Legali 222/2001 u l-artikoli 3 u 6(1) tal-Avviz Legali 9/1974, **tiddikjara li qed issib lil imputati MICHAEL ZAMMIT u ANTHONY ZAMMIT mhux hatja tal-akkuza ta' misapproprjazzjoni u talli qassmu pitrolju ghal uzu ghajr minn dak t'uzu domestiku u tilliberhom minn din l-akkuza, filwaqt li tiddikjara li ssibhom t-tnejn hatja taz-zewg akkuzi l-ohra u tikkundannhom ghal hlas ta' multa ta' elf tmien mija erbgha w sittin euro (€1864) kull wiehed.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputati *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-espert nominat l-Professur Alfred Vella [fol 95 tergo] fl-ammont komplessiv ta' mitejn sitta w erbghin euro [€246] u dan fi zmien xahar mill-lum u jekk l-imputati jonqsu li**

**jhallsu dan l-ammont fi zmien xahar, l-istess ammont jigi awtomatikament konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €11.65 dovuta.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------